

Brussell, 4 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10127/26

ECOFIN 736
UEM 214
SOC 324
EMPL 153
COMPET 683
ENV 626
EDUC 208
ENER 325
JAI 737
GENDER 64
JEUN 105
SAN 401
ECB
EIB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 211 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji tal-Kroazja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 211 final.

Mehmuż: COM(2026) 211 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.6.2026
COM(2026) 211 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarji tal-Kroazja

{SWD(2026) 211 final}

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji tal-Kroazja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jispeċifika l-oġettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, kif ukoll li jipprevjeni defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-oġettivi u mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tagħhom.
- (2) Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ⁽²⁾. Il-proposta għandha l-għan li żżid l-

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>).

² Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament

effettività tal-finanzjament tal-Unjoni billi tnaqqas il-frammentazzjoni tal-arkitettura finanzjarja u li tappoġġa lill-Istati Membri fil-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tagħhom skont l-Artikolu 175.

- (3) Fil-25 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni adottat opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2026 tal-Kroazja. Fl-istess data, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2026, li fih ma identifikatx lill-Kroazja bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom ikun meħtieġ analiżi fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁽³⁾ fil-21 ta' April 2026, u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi kif ukoll ir-rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fid-9 ta' Marzu 2026.
- (4) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-Unjoni matul il-5 snin li ġejjin. Is-Semestru Ewropew huwa allinjat mal-Boxxla għall-Kompetittività, u dan jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-oġġettivi strateġiċi tal-Kummissjoni, u li fil-governanza ekonomika jinħoloq approċċ unifikat li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza madwar l-Unjoni.
- (5) Fl-2026, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jiżviluppa biswit l-istadju finali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)⁽⁴⁾. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), flimkien mal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, kienu essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, peress li l-pjanijiet kienu meħtieġa biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi kollha identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti maħruġa f'ċikli reċenti jew subsett sinifikanti minnhom, u l-programmi ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni Ewropea kienu meħtieġa jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Hekk kif l-RRF toqrob lejn tmiem il-ħajja tagħha, jibqa' essenzjali li jiġu sostnuti r-riformi u l-investimenti appoġġati u implimentati taħt l-RRF, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (6) Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2026 għall-Kroazja. Fih ġie vvalutat il-progress tal-Kroazja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti u ttieħed kont tal-implimentazzjoni tal-RRP tal-Kroazja. Abbażi ta' din l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed tiffaċċja l-Kroazja. Huwa vvaluta wkoll il-progress tal-Kroazja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar

(UE, Euratom) 2024/2509 - COM(2025) 565 final. Ir-Regolament propost, bħalissa, huwa s-suġġett ta' negozjati mal-koleġiżlaturi.

³ ĠU C, C/2026/2434, 28.4.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/2434/oj>

³

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.02.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>).

l-impjeggi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

- (7) Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill, wara l-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Kroazja ⁽⁵⁾. Il-pjan ikopri l-perjodu mill-2025 sal-2028 u jippreżenta aġġustament fiskali mifrux fuq 4 snin. Il-Kunsill irrakkomanda dawn ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta: 6,4 % fl-2025, 4,9 % fl-2026, 4,1 % fl-2027, u 3,7 % fl-2028, li jikkorrispondu għar-rati massimi ta' tkabbir kumulattiv ikkalkulati b'referenza għas-sena bażi 2023 ta' 26,2 % fl-2025, 32,3 % fl-2026, 37,8 % fl-2027, u 42,9 % fl-2028.
- (8) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod ikkoordinat biex jiġu appoġġati l-isforzi tal-UE biex tinkiseb żieda rapida u sinifikanti fin-nefqa fid-difiża⁽⁶⁾ u din il-proposta ntlagħhet mill-Kunsill Ewropew fis-6 ta' Marzu 2025. Wara t-talba tal-Kroazja, fit-8 ta' Lulju 2025 il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tippermetti lill-Kroazja tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati tan-nefqa netta⁽⁷⁾. Il-perjodu meta tiġi attivata l-klawżola liberatorja nazzjonali (2025-2028) tippermetti lill-Kroazja tipprijoritizza mill-ġdid in-nefqa tal-gvern jew iżżid id-dħul tal-gvern sabiex nefqa oġhla fit-tul fuq id-difiża ma tipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju.
- (9) Fis-7 ta' Mejju 2026, il-Kroazja ppreżentat ir-Rapport ta' Progress Annwali tal-2026⁽⁸⁾ tagħha, dwar l-aderenza mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rakkomandati u l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew. Ir-Rapport ta' Progress Annwali jirrifletti wkoll ir-rappurtar biennali tal-Kroazja dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (10) It-tkabbir tal-PDG reali fl-2025 kien ta' 3,4 % u l-inflazzjoni tal-HICP kienet ta' 4,4 %. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipproġetta li l-PDG reali jikber bi 2,7 % fl-2026 u bi 2,5 % fl-2027, u l-inflazzjoni tal-HICP se tkun ta' 4,6 % fl-2026 u ta' 2,7 % fl-2027.
- (11) Fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Eurostat ⁽⁹⁾, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Kroazja żdied minn 2,3 % tal-PDG fl-2024 għal 3,0 % fl-2025. Iż-żieda fid-defiċit fl-2025 tirrifletti prinċipalment żieda fl-investimenti ffinanzjati fil-livell nazzjonali, fil-pagi

⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju tal-Kroazja (ĠU C, C/2025/638, l-10 ta' Frar 2025, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2025/638/oj>).

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Nakkomodaw żieda fin-nefqa fid-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", Brussell, id-19 ta' Marzu 2025, C(2025) 2000 final.

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025 li tippermetti lill-Kroazja tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 (Attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali), (ĠU C, C/2025/3985, l-20 ta' Awwissu 2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3985/oj>).

⁸ Ir-Rapporti ta' Progress Annwali tal-2026 huma disponibbli hawnhekk: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-governance-framework/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en?prefLang=mt.

⁹ Eurostat - Indikaturi tal-Euro, it-22 ta' April 2026.

pubbliċi u fin-nefqa fuq l-assistenza soċjali. Fuq il-bażi tal-miżuri politiċi magħrufin fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipproġetta defiċit ta' 2,9 % tal-PDG fl-2026 u ta' 2,7 % fl-2027.

- (12) Fuq il-bażi tal-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali ⁽¹⁰⁾, li tinkludi kemm in-nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali kif ukoll dik iffinanzjata mill-UE, kienet espansjonarja, b'1,6 % tal-PDG, fl-2025. Hija pproġettata li tkun restrittiva kemm fl-2026 kif ukoll fl-2027, b' 0,3 % u b'0,9 % tal-PDG, rispettivament.
- (13) Fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Eurostat ⁽¹¹⁾, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Kroazja naqas minn 57,4 % tal-PDG fi tmiem l-2024 għal 56,3 % fi tmiem l-2025. Fuq il-bażi tal-miżuri politiċi magħrufin fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipproġetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jonqos għal 55,9 % sa tmiem l-2026 u jkompli jonqos għal 55,6 % sa tmiem l-2027.
- (14) Fuq il-bażi tad-data tal-Eurostat ⁽¹²⁾, in-nefqa totali fid-difiża tal-gvern estiż fil-Kroazja ammontat għal 1,5 % tal-PDG fl-2025, li tikkorrispondi għal żieda ta' 0,5 punti perċentwali tal-PDG meta mqabbla mas-sena ta' referenza 2021. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, hija pproġettata li tkun 1,6 % tal-PDG fl-2026, li tikkorrispondi għal żieda ta' 0,6 punti perċentwali tal-PDG meta mqabbla mal-2021.
- (15) L-Unjoni tkompli tiffaċċja riskji ta' interruzzjonijiet tal-provvista tal-enerġija u volatilità għolja tal-prezzijiet, aggravati minn tensjonijiet ġeopolitiċi li jaffettwaw is-swieq globali taż-żejt u tal-gass. L-esperjenza mill-kriżi tal-enerġija tal-2022–2023 uriet li miżuri wesgħin u mhux immirati jinvolvu kostijiet fiskali kbar u huma soċjalment u ekonomikament ineffiċjenti. Minn mindu faqqgħet il-gwerra fil-Lvant Nofsani fi Frar 2026, il-Kroazja adottat miżuri ta' politika fiskali biex ittaffi l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u l-kumpaniji ⁽¹³⁾. Dawn jinkludu tnaqqis mhux immirat fid-dazju tas-sisa fuq id-diżil li se jiskadi fit-18 ta' Mejju 2026, kif ukoll appoġġ immirat għat-trasport pubbliku tal-passiġġieri, l-agrikoltura, is-sajd, l-akkwakultura u għall-industrija intensiva fl-enerġija li se jiskadi fit-30 ta' Settembru 2026. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, il-kost fiskali ta' dawn il-miżuri huwa pproġettat li jammonta għal 0,1 % tal-PDG fl-2026. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, jekk dawn il-miżuri kellhom jibqgħu fis-seħħ sa tmiem l-2026, il-kost fiskali tagħhom jammonta għal 0,2 % tal-PDG fl-2026.
- (16) Fuq il-bażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fil-Kroazja kibret b'10,9 % fl-2025 u bi 30,1 % b'mod kumulattiv tul l-2024 u l-2025. It-tkabbir fin-nefqa netta fl-2025 huwa oġhla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, u jikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 1,8 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta hija wkoll oġhla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, u tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 1,4 % tal-PDG f'termini kumulattivi. Filwaqt li titqies il-flessibbiltà għal infiq oġhla fid-difiża

¹⁰ Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni baġitarja sottostanti tal-gvern estiż. Hija għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fit-terminu medju u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali u inkluża n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ mhux ripagabbli (għotjiet) mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħrajn tal-Unjoni.

¹¹ Eurostat - Indikaturi tal-Euro, it-22 ta' April 2026.

¹² Eurostat, nefqa tal-gvern skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG).

¹³ Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fid-data limitu tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (l-4 ta' Mejju 2026).

prevista mill-klawżola liberatorja nazzjonali, id-devjazzjoni kumulattiva tan-nefqa netta tammonta għal 0,9 % tal-PDG.

- (17) Fuq il-bażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fil-Kroazja hija pproġettata li tkabir b'5,7 % fl-2026 u b'37,5 % b'mod kumulattiv tul l-2024, l-2025 u l-2026. It-tkabir ipproġettat fin-nefqa netta fl-2026 huwa oġġla mir-rata massima ta' tkabir rakkomandata, u jikkorrispondi għal devjazzjoni ta' marġinalment oġġla minn 0,3 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024, l-2025 u l-2026 flimkien, ir-rata ta' tkabir kumulattiv tan-nefqa netta pproġettata hija wkoll oġġla mir-rata massima ta' tkabir rakkomandata, u tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 1,6 % tal-PDG f'termini kumulattivi. Filwaqt li titqies il-flessibilità għal infiq oġġla fid-difiża prevista mill-klawżola liberatorja nazzjonali, meta l-2024, l-2025 u l-2026 jitqiesu flimkien, id-devjazzjoni kumulattiva tan-nefqa netta pproġettata tammonta għal 1,0 % tal-PDG.
- (18) Fis-snin li ġejjin, il-finanzi pubbliċi se jiġu taħt pressjoni dejjem akbar miż-żieda fil-ħtiġijiet tal-infiq għal investimenti produttivi, it-tixjijih tal-popolazzjoni, l-adattament għat-tibdil fil-klima, id-difiża, it-tranżizzjoni doppja, u prijoritajiet oħrajn li jikkompetu ma' xulxin. Għal din ir-raġuni, huwa ġustifikat li l-Kroazja ttejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tal-infiq pubbliku u l-prijoritizzazzjoni ta' investimenti li jsaħħu t-tkabir, inkluż fil-livell lokali. Filwaqt li l-Kroazja għamlet progress fit-tisħiħ tal-qafas fiskali tagħha, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' unità ta' rieżami tal-infiq fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi fl-2022, l-ambitu u t-trasparenza tar-rieżamijiet tal-infiq għadhom limitati. Ir-rieżamijiet tal-infiq huma rikonoxxuti bħala għodda utli għall-identifikazzjoni tal-kisbiet fl-effiċjenza u ta' meta l-programmi jidhru f'xulxin, u l-iffrankar li jsir b'riżultat ta' hekk jista' jiġi riallokati biex jiġi indirizzati sfidi fiskali emerġenti ġodda, bħal dawk enfasizzati iktar 'il fuq. Is-saħħa u l-edukazzjoni huma setturi fejn il-Kroazja tista' tespandi l-użu tar-rieżamijiet tal-infiq, peress li l-infiq huwa relattivament għoli, iżda l-eżiti huma komparattivament aktar baxxi minn tal-Istati Membri pari. Rieżami komprensiv tal-ġestjoni tal-forza tax-xoġġol tal-amministrazzjoni pubblika jkun iġġustifikat ukoll, minħabba ż-żieda fl-impjegji pubbliċi flimkien ma' nuqqas persistenti ta' persunal f'funzjonijiet kritiċi tal-gvern ċentrali. Dan jindika allokkazzjoni ineffettiva tar-riżorsi li tista' tiġi indirizzata permezz ta' ottimizzazzjoni mmirata tal-forza tax-xoġġol u riallokazzjoni strateġika. Il-Kroazja għandha wkoll kopertura tal-assigurazzjoni kumplessivament baxxa għar-riskji klimatiċi. Minħabba f'hekk, il-kumpens jingħata fuq bażi ad hoc. Biex tkompli tiżgura finanzjament adegwat, il-Kroazja tista' tkompli tintegra r-riskji fiskali relatati mal-klima fl-ippjanar baġitarju.
- (19) L-introduzzjoni tal-fatturazzjoni elettronika obligatorja f'Jannar 2026 taħt ir-riforma Fiscalisation 2.0 u t-trasformazzjoni diġitali li għaddejja tal-amministrazzjoni tat-taxxa se jikkontribwixxu għat-titjib tal-konformità mar-regoli tat-taxxa u għat-tnaqqis tal-ekonomija sotterranja, b'xejriet pożittivi diġà viżibbli fid-data tal-Q1 2026. Fl-istess waqt, il-Kroazja tirrinunzja ammont sinifikanti ta' dħul minħabba l-infiq tat-taxxa, li ammonta għal aktar minn 4 % tal-PDG fl-2023. Barra minn hekk, in-nefqiet tat-taxxa mhux dejjem ikunu effettivi biex jilħqu l-oġġettivi ta' politika maħsuba tagħhom. Pereżempju, in-nefqiet tat-taxxa fuq l-introjtu personali, b'mod partikolari l-allowance tal-familja, jidhru li huma ta' benefiċċju għal dawk li għandhom introjtu aktar għoli. In-nefqiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) jistgħu jkun wkoll ineffiċjenti u mmirati ħażin lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanza, b'mod partikolari r-rata mnaqqsa tal-VAT għal-lukandi u r-ristoranti għandha impatt rigressiv. Fl-aħħar nett, kundizzjonijiet kumplessi jistgħu jimminaw l-effettività tan-nefqiet tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, filwaqt li jindikaw kamp ta' applikazzjoni biex jiġu

ssimplifikati ċerti nefqiet tat-taxxa u l-amministrazzjoni tagħhom. Il-Kroazja tibbenefika minn rieżami komprensiv tan-nefqiet tat-taxxa biex tidentifika u tfassal mill-ġdid dawk li ma jilħqux b'mod effettiv l-objettivi ta' politika maħsuba tagħhom, inklużi r-ridistribuzzjoni tal-introjtu jew l-inċentivi ambjentali.

- (20) Il-Kroazja tista' ttejjeb b'mod usa' l-effettività u l-progressività tas-sistema tat-taxxa, inkluż billi ssaħħa it-tfassil tat-tassazzjoni fuq il-proprjetà. Ittieħdu passi importanti bir-riformi reċenti tat-tassazzjoni fuq il-proprjetà immobbli. Madankollu, il-qafas attwali għadu limitat fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, peress li japplika biss għal proprjetajiet vakanti u sekondarji u huwa bbażat predominantement fuq il-post u d-daqs aktar milli fuq il-valur tas-suq. L-introduzzjoni ta' komponent ibbażat fuq il-valur tas-suq u t-twessigħ progressiv tal-bażi tat-taxxa biex tkopri firxa usa' ta' proprjetajiet, filwaqt li titqies kif xieraq il-kapaċità tal-kontribwenti li jħallsu, jikkontribwixxu biex jiżdied id-dħul u tiġi żgurata allokkazzjoni aktar ekwa u effiċjenti tal-piż tat-taxxa. Dan isahha ukoll l-inċentivi biex abitazzjonijiet mhux okkupati jidħlu fis-suq tad-djar.
- (21) L-involvement sistematiku, sinifikattiv u f'waqtu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali, tas-soċjetà ċivili u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn jibqa' essenzjali sabiex tiġi żgurata responsabbiltà wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (22) L-implimentazzjoni tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) fil-Kroazja, miexja b'pass iktar mgħaġġel mill-medja fil-livell tal-UE, kemm f'termini tal-għażla tal-proġetti kif ukoll f'termini ta' ħlas. Huwa importanti li jinżamm il-momentum attwali, filwaqt li jiġi mmassimizzat l-impatt tal-investimenti fil-prattika. Il-Kroazja diġà qiegħda tiegħu azzjoni fil-qafas tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni biex tagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir. Madankollu, xi oqsma jistgħu jeħtieġu aktar tisħiħ, inkluż dawk relatati mal-inklużjoni soċjali, id-deistituzzjonalizzazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u l-implimentazzjoni tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll l-ekonomija ċirkolari. Fl-istess ħin, jeħtieġ li l-Kroazja tħaffef l-implimentazzjoni tal-JTF peress li r-riżorsi huma dovuti għall-iżborż sa tmiem l-2026. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-investimenti l-ġodda identifikati mill-Kroazja fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari dawk marbutin mal-ħames prijoritajiet identifikati fir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu⁽¹⁴⁾, jiġu implimentati malajr u b'mod effettiv.
- (23) Il-Kroazja qed tiffaċċja sfidi fuq diversi fronti interkonnessi, inkluż settur pubbliku frammentat tar-riċerka u l-innovazzjoni, strutturi ta' governanza kumplessi, u ambjent tan-negozju mxekkel b'piżijiet regolatorji, proċessi twal għall-ħruġ tal-permessi, u l-itwal perjodi ta' pagament minn negozju għal negozju fl-UE. L-infrastruttura diġitali fiż-żoni rurali u insulari għadha lura meta mqabbla mal-medja tal-UE. Il-progress fl-ekonomija ċirkolari, ir-rinnovazzjoni tal-bini, u t-tnedija tal-enerġija rinnovabbli għadu limitat, aggravat minn proċeduri amministrattivi frammentati. Mil-lat soċjali, il-faqar u l-inugwaljanza fl-introjtu għadhom għoljin, in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet jippersisti fis-setturi kollha, l-aċċess għall-kura tas-saħħa mhux uniformi b'mod

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2025/1914 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu.

partikolari fiż-żoni rurali, u l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni għadha ta' tħassib, speċjalment fil-bliet ewlenin u fir-reġjuni mal-kosta.

- (24) Il-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) tal-Kroazja qed tkompli titjeb, iżda l-progress huwa mxekkel minn sfidi strutturali persistenti, b'mod partikolari s-settur tar-R&I pubbliku li huwa frammentat ħafna. L-għadd kbir ta' dawn l-entitajiet inaqqas ir-riżorsi u jostakola l-kollaborazzjoni, u jirriżulta f'outputs tar-riċerka aktar baxxi u ambitu iċken għall-kollaborazzjoni bejn in-negozji u l-akkademja u t-trasferiment tat-teknoloġija. Il-governanza tas-sistema tar-R&I għadha kumplessa, b'responsabbiltajiet ta' politika mifruxa f'diversi entitajiet, li joħlqu sfidi għall-ippjanar u l-implimentazzjoni. Għalkemm il-Kroazja qiegħda timplimenta r-riformi skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza biex tnaqqas l-għadd ta' istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka, jekk tkabbar l-ambitu, iżżid l-ambizzjoni u l-pass tal-implimentazzjoni ta' dawn l-isforzi jkun ta' benefiċċju. Id-disparitajiet reġjonali f'termini ta' prestazzjoni tar-R&I jippersistu, bil-biċċa l-kbira tal-attivitajiet tar-R&I jsiru f'Zagreb, filwaqt li kieku, appoġġ iddedikat apposta għal ċentri reġjonali partikolari, inkluża rabta qawwija mat-tranżizzjoni industrijali, jgħin biex titjeb il-prestazzjoni f'reġjuni oħrajn. Il-livell tan-nefqa pubblika fuq ir-riċerka u l-iżvilupp bħala sehem mill-PDG għadu taħt il-medja tal-UE u kien qed jistaġna għal dawn l-aħħar snin. Is-sehem tan-nefqa tan-negozju għar-riċerka u l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' skemi ta' innovazzjoni min-negozji wkoll għadhom ferm taħt il-medja tal-UE, speċjalment f'xi reġjuni, u dan jikkontribwixxi għal prestazzjoni subottimali u produttività baxxa fl-industrija tal-manifattura. L-appoġġ pubbliku għar-riċerka u l-iżvilupp tan-negozju huwa limitat u frammentat, u l-attivitajiet ta' trasferiment tat-teknoloġija għadhom pjuttost baxxi.
- (25) Ix-xenarju ta' finanzjament tal-Kroazja għadu appoġġat predominantement mill-banek, b'finanzjament ibbażat fuq is-suq, inkluż it-tfaddil tal-unitajiet domestiċi permezz tas-swieq kapitali, li għandhom rwol komparattivament iżgħar fil-finanzjament tad-ditti minħabba livelli ta' parteċipazzjoni diretta fil-livell individwali li għadhom baxxi, minkejja xi momentum pożittiv reċenti inklużi IPOs li rnexxew fil-Borża ta' Zagreb u l-interess tal-investituri individwali fit-titoli tal-gvern. L-investituri istituzzjonali domestiċi, bħall-fondi tal-pensjonijiet u l-assiguraturi, għandhom rwol limitat fil-finanzjament ta' negozji innovattivi. Id-daqs u l-likwidità relattivament żgħar tas-swieq kapitali domestiċi u kapital ta' riskju li qed jiddied imma għadu limitat u finanzjament tal-ekwità privata jaggravaw id-diskrepanza fil-finanzjament għad-ditti innovattivi. Ir-riformi skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-qafas strateġiku għall-iżvilupp tas-swieq kapitali, għandhom l-għan li jippromwovu d-diversifikazzjoni tal-għażliet ta' finanzjament. Huwa meħtieġ aktar progress biex tingħata spinta lill-parteeċipazzjoni tal-investituri individwali fis-suq kapitali permezz ta' litteriżmu finanzjarju msaħħaħ u prodotti ta' investiment aktar aċċessibbli, it-titjib tal-kapital ta' riskju u l-ambjent tal-ekwità privata, inkluż l-inċentivar tal-parteeċipazzjoni tal-investituri istituzzjonali, u t-tisħiħ tal-attraenza tal-borża u l-ambjent kumplessiv tal-investment permezz ta' governanza korporattiva aħjar għall-kumpaniji kkwotati.
- (26) Kif stabbilit fil-Kumpass tal-Kompetittività, l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, nazzjonali u lokali jridu jagħmlu sforz kbir biex jipproduċu regoli aktar sempliċi u biex iħaffu l-pass tar-rapidità tal-proċeduri amministrattivi. Il-Kummissjoni stabbiliet għanijiet ambizzjużi għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv: b'mill-inqas 25 % għall-kumpaniji kollha u b'mill-inqas 35 % għall-SMEs. Hija ħolqot ukoll għodod ġodda biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, inkluż test tal-istress sistematiku tal-istokk tal-leġiżlazzjoni tal-UE u djalogu msaħħaħ mal-partijiet ikkonċernati. Fil-Kroazja, il-kumplessità tal-proċeduri

amministrattivi hija rrapportata bħala limitazzjoni minn 66 % tal-kumpaniji meta jwettqu negozju fil-Kroazja. L-isfidi strutturali jkomplu jkunu ta' piż fuq l-ambjent tan-negozju tal-Kroazja, b'nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, kumplessità regulatorja, u ineffiċjenzi amministrattivi li jaġixxu bħala limitazzjonijiet kbar fuq l-investment u t-tkabbir. Il-proċessi tal-ħruġ tal-permessi għadhom partikolarment ta' piż bi skedi ta' żmien twal għall-permessi tal-kostruzzjoni u daww ambjentali, inkluż għall-kostruzzjoni tal-impjanti u għall-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni fl-industrija tal-manifattura, flimkien ma' proċeduri frammentati fost l-awtoritajiet u l-interoperabbiltà limitata tar-reġistri diġitali. Il-ħlasijiet tardivi bejn in-negozji marru għall-aġar, bil-Kroazja tirreġistra l-itwal perjodu medju ta' ħlas minn negozju għal negozju fl-UE. Il-miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, il-promozzjoni tal-kompetizzjoni, u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri huma passi sinifikanti 'l quddiem. Madankollu, iż-żieda fl-ambitu, l-ambizzjoni u l-pass tas-simplifikazzjoni regulatorja u tal-modernizzazzjoni amministrattiva jkunu ta' benefiċċju.

- (27) Huwa meħtieġ ukoll aktar progress fl-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, peress li l-proċedimenti fil-qrati ċivili u kummerċjali għadhom fost l-itwal fl-UE. Matul dawn l-aħħar snin, il-Kroazja avvanzat b'riformi u investimenti, inkluż dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, appoġġati bil-qawwi mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Madankollu, il-Kroazja għadha fost l-Istati Membri bl-aktar xogħol b'lura u b'dewmien sinifikanti tal-kawżi ċivili u kummerċjali. Peress li dan jolqot l-ambjent tan-negozju u l-kompetittività, ikun ta' benefiċċju jekk il-Kroazja tkompli ttejjeb l-effiċjenza fis-soluzzjoni tal-kawżi tal-qorti ċivili u kummerċjali, b'mod partikolari billi timplimenta riformi addizzjonali, inkluż permezz ta' riformi possibbli fil-ġestjoni tal-kawżi.
- (28) Il-frammentazzjoni territorjali tal-Kroazja taffettwa l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika tagħha u taggrava d-disparitajiet reġjonali. Hemm żbilanċ bejn ir-responsabbiltajiet u r-riżorsi, kif ukoll bejn il-kapaċità amministrattiva u dik finanzjarja fil-livell lokali biex jassorbu l-finanzjament u jipprovdu servizzi ta' kwalità. Dan jikkontribwixxi għall-kwalità mhux uniformi tas-servizzi pubbliċi pprovdu u jżid il-kostijiet amministrattivi peress li ħafna gvernijiet lokali zġħar ma għandhomx riżorsi finanzjarji u amministrattivi adegwati biex jipprovdu s-servizzi. Għalkemm il-miżuri taħt il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jipprovdu inċentivi finanzjarji biex jistimulaw il-fużjonijiet tal-unitajiet tal-gvern lokali, l-adozzjoni ta' dawn l-inċentivi għadha fil-biċċa l-kbira kkonċentrata fuq il-fużjonijiet tal-funzjonijiet, b'impatt limitat fuq il-fużjonijiet reali. Iż-żieda fl-ambitu tal-inċentivi, flimkien ma' passi leġiżlattivi potenzjali biex tkun aċċertata l-adozzjoni tal-fużjonijiet reali, tkun ta' benefiċċju. Barra minn hekk, kieku l-isforzi fil-livell nazzjonali, bħall-introduzzjoni ta' sistema ta' rimunerazzjoni trasparenti kif ukoll reklutaġġ u promozzjoni bbażati fuq il-kompetenza, jiġu replikati fil-livell lokali jkunu jistgħu jgħinu biex titjeb il-kwalità tas-servizzi pubbliċi.
- (29) Il-kopertura tal-broadband fiż-żoni rurali u tal-gżejjer għadha lura meta mqabbla mal-medji tal-UE. Għalkemm is-sehem tad-ditti Kroati li jikkwotaw l-infrastruttura diġitali bħala ostaklu naqas għal 36 % fl-2025, il-kopertura tan-network b'kapaċità għolja ħafna (very high-capacity network, VHCN) (78,9 %) u tal-VHCN rurali (49,1 %) għadha taħt il-medji tal-UE ta' 82,5 % u 61,9 %, rispettivament. Għad hemm distakk sinifikanti fil-Fibra sal-Lokal (Fiber to the Premises, FTTP) rurali, li b'44,4 % għadu ferm taħt il-medja tal-UE ta' 58,8 %, u fil-kopertura tal-banda medja tal-5G, li tilħaq 8,5 % biss fiż-żoni rurali meta mqabbla mas-26,2 % tal-UE. L-intoppi fl-

implimentazzjoni ta' proġetti dwar l-infrastruttura tal-broadband u tal-backhaul għall-insedjamenti rurali u suburbani, flimkien ma' diskrepanza fil-finanzjament li jifdal u ostakli strutturali, bħal proċeduri kumplessi għall-għoti ta' permessi, restrizzjonijiet tal-ippjanar spazjali, u kwistjonijiet ta' infrastruttura antika mhux solvuti, idewmu t-tranżizzjoni diġitali.

- (30) Fl-2025, il-Kroazja kellha s-sitt l-ogħla prezz tal-elettriku bl-ingrossa fl-UE, u dan żamm lura l-kompetittività tal-kostijiet, id-dekarbonizzazzjoni u l-elettrifikazzjoni. Il-kapaċità solari installata kibret b'mod qawwi, iżda s-sehem tal-enerġija solari fil-ġenerazzjoni tal-elettriku għadu baxx b'inqas minn 8 %. F'dan il-kuntest, l-introduzzjoni aktar rapida ta' kapaċità ġdida tal-enerġija rinnovabbli u soluzzjonijiet ta' flessibilità mhux fossili tista' tgħin biex jitraħħsu l-prezzijiet għoljin tal-elettriku bl-ingrossa. Fis-27 ta' April 2026, l-awtorità regolatorja tal-enerġija Kroata adottat tariffi aġġornati għall-konnessjoni mal-grilja, li jistgħu jħaffu l-implimentazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Aktar appoġġ għall-implimentazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inkluż l-idroġenu ekoloġiku, jista' jgħin biex titnaqqas l-intensità għolja ta' gassijiet serra tal-industrija tal-Kroazja, speċjalment jekk ikun parti minn sett koerenti ta' miżuri ta' dekarbonizzazzjoni tal-industrija li jinkludu, fost l-oħrajn, ukoll il-ġbir u l-ħżin tal-karbonju u l-promozzjoni tad-domanda għal prodotti industrijali b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Iż-żieda fl-investiment fil-grilja tal-elettriku lil hinn mill-investimenti inklużi fil-pjan Kroat għall-irkupru u r-reżiljenza se tkun kruċjali għall-promozzjoni tal-adozzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-Kroazja. Fuq terminu qasir, dan se jirrikjedi miżuri li jinċentivaw proġetti ibridi tal-ħżin u tal-enerġija rinnovabbli. Sal-2024, 34 % tal-konsumaturi domestiċi kellhom miters intelliġenti installati, li huwa ferm inqas mill-mira tal-UE ta' 80 %. Sabiex tkun tista' tiġi sfruttata bis-sħiħ iż-żieda fl-adozzjoni tal-enerġija rinnovabbli, se jkun meħtieġ finanzjament sinifikanti għall-introduzzjoni ta' miters intelliġenti lil hinn mill-miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza kif ukoll kuntratti dinamiċi, biex il-konsumaturi jingħataw is-setgħa u jitrawwem ir-rispons tad-domanda. Ittieħdu passi limitati biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi għall-enerġija rinnovabbli bħala parti mill-Att dwar is-Sorsi tal-Enerġija Rinnovabbli fl-2025, iżda l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi u għall-konnessjoni mal-grilja għadhom frammentati u, f'xi każijiet, mhux ċari. Is-simplifikazzjoni ulterjuri tal-ħruġ tal-permessi u tal-konnessjoni mal-grilja tista' tgħin ukoll fit-tnedija ta' sistemi fotovoltajċi fuq binjiet b'abitazzjonijiet multipli kif ukoll għall-komunitajiet tal-enerġija, peress li l-adozzjoni għadha neglijabbli u l-proċeduri huma kkumplikati.
- (31) Jenħtieġu miżuri tal-effiċjenza enerġetika biex jinżamm il-momentum pożittiv maħluq mill-qafas tal-finanzjament tal-UE u biex jitħaffef il-pass tal-progress: (i) fir-rinnovazzjoni tal-bini; (ii) fil-provvista ta' akkomodazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'mod partikolari l-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali; u (iii) fis-sostituzzjoni tal-bojlers tal-gass u taż-żejt b'pompi tas-sħana u soluzzjonijiet oħra aktar effiċjenti u ekoloġiċi. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi minbarra l-finanzjament tal-UE biex jintlaħqu l-miri tad-dekarbonizzazzjoni tal-bini, minħabba s-sehem kbir tal-istokk tal-bini li għadu jeħtieġ rinnovazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' binjiet b'abitazzjonijiet multipli. Il-programmi ta' rinnovazzjoni jitwettqu primarjament permezz ta' għotjiet, li jħallu diskrepanza sinifikanti fl-investiment privat, u jikkontribwixxu għal iffrankar limitat tal-enerġija residenzjali bejn l-2019 u l-2024. Għalhekk, it-tnaqqis tad-dipendenza kumplessiva fuq l-għotjiet u l-bidla lejn strumenti finanzjarji jistgħu jimmassimizzaw l-impatt tal-fondi pubbliċi, filwaqt li l-appoġġ għall-għotjiet jenħtieġ li jkun immirat aħjar lejn l-aktar unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-binjiet ineffiċjenti fl-enerġija.

- (32) It-trasport stradali huwa l-aktar mod ta' trasport użat fil-Kroazja kemm għall-passiġġieri kif ukoll għat-tagħbija, u l-emissjonijiet tiegħu żdiedu bi 42 % mill-2005 'l hawn, waħda mill-akbar żidiet fl-UE. Ir-riformi u l-investimenti skont il-pjan Kroat għall-irkupru u r-reżiljenza u l-politika ta' koeżjoni qed jikkontribwixxu diġà għall-modernizzazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja, il-promozzjoni tat-trasport ekoloġiku, u l-implimentazzjoni ta' sistemi tat-trasport intelliġenti. Madankollu, għad hemm bżonn ta' sforzi sostnuti. L-immodernizzar tal-infrastruttura tat-trasport u tal-vetturi ferrovjarji, iż-żieda fl-użu tat-trasport pubbliku u l-ekoloġizzazzjoni ulterjuri tiegħu, l-integrazzjoni ta' modi differenti ta' trasport fiż-żoni urbani, il-promozzjoni tal-mobbiltà attiva, l-istituzzjoni ta' sistemi ta' trasport intelliġenti, jistgħu jikkontribwixxu bil-kbir għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, inaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u jnaqqsu t-tniġġis tal-arja fiċ-ċentri urbani. Il-promozzjoni tal-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero, inkluż permezz ta' inċentivi ta' tassazzjoni mmirati lejn il-karozzi tal-kumpaniji u t-tisħiħ tal-infrastruttura tal-iċċarġjar fiż-żoni urbani biex din tiffunzjona aħjar, tkun affordabbli u aċċessibbli, tista' tgħin biex jiżdied is-sehem tal-vetturi elettriċi, li fl-2025 baqa' wieħed mill-aktar baxxi fl-UE. Fl-2024, il-Kroazja kellha bil-bosta l-aktar sehem baxx ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport fl-UE, wara tnaqqis fl-2022 minħabba regoli għall-bijofjuwils li naqqsu l-penali għall-fornituri tal-fjuwils talli ma jħalltux il-bijofjuwils fil-fjuwils tat-trasport. Dan it-tnaqqis temporanju tal-penali skada minn Jannar 2026, u dan mistenni jgħin biex jiddawwar it-tnaqqis reċenti fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-trasport. Is-sussidji għall-fjuwils fossili li la jindirizzaw il-faqar enerġetiku b'mod immirat u lanqas it-tħassib ġenwin dwar is-sigurtà tal-enerġija, minbarra li jfixklu l-elettrifikazzjoni u li mhumiex kruċjali għall-kompetittività industrijali, jistgħu jitqiesu bħala prijorità ta' eliminazzjoni gradwali. Fil-Kroazja, is-sussidji għall-fjuwils fossili, inkluż il-limitu massimu tal-prezz ta' emerġenza impost mill-ġdid fuq il-prodotti petroliferi introdott f'Marzu 2026 fuq il-pompi tal-petrol fl-awtostradi, kif ukoll ir-rifużjonijiet parzjali tad-dazji tas-sisa għad-diżil fit-trasport kummerċjali huma ekonomikament ineffiċjenti, jipperpetwaw id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u jiddizincitaw l-elettrifikazzjoni u l-qalba għal vetturi b'emissjonijiet żero u soluzzjonijiet sostenibbli oħrajn.
- (33) Meta jitqies l-esponiment tagħha għar-riskji relatati mal-klima u l-impatt ekonomiku dejjem jiżdied tagħhom, il-Kroazja tibbenefika wkoll minn implimentazzjoni veloċi, koordinament aħjar u monitoraġġ sistematiku tal-adattament għall-politiki tat-tibdil fil-klima u tal-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma, fost setturi u livelli, abbażi ta' investimenti bbażati fuq in-natura u reżistenti għall-klima fl-infrastruttura strateġika/kritika, inkluż fiż-żoni kostali u l-gżejjer. Peress li l-kopertura tal-assigurazzjoni kontra avvenimenti relatati mat-temp u mal-klima għadha waħda mill-aktar baxxi fl-UE b'madwar 2 %, hemm bżonn li jinħolqu inċentivi aktar qawwija għall-assigurazzjoni għar-riskju tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari fir-rigward tal-għargħar u n-nirien.
- (34) Il-progress lejn ekonomija ċirkolari għadu miexi bil-mod, b'rati għoljin ta' rimi f'landfills, differenzi sinifikanti fil-livell tal-kontea fil-ġbir separat tal-iskart muniċipali, dewmien fit-tlestija tal-infrastruttura għall-immaniġġjar tal-iskart, u użu ta' materjal ċirkolari ferm taħt il-medja tal-UE. Filwaqt li l-Kroazja qed ittejjeb gradwalment il-qafas strateġiku u legali tagħha biex ittejjeb il-ġestjoni tal-iskart u l-ekonomija ċirkolari, l-implimentazzjoni għadha lura, b'impatt negattiv kemm fuq l-ambjent kif ukoll fuq il-kompetittività. Hemm bżonn li tittejjeb ir-rata tal-użu tal-materjal ċirkolari biex jitnaqqas l-impatt tal-użu tal-materjal fuq l-ambjent filwaqt li tiżdied l-indipendenza strateġika tal-Kroazja fuq il-materja prima importata. Ikun ta'

benefiċċju wkoll jekk il-Kroazja tinvesti aktar f'ċentri ta' tiswija u użu mill-ġdid u tadotta miżuri, inċentivi jew benefiċċji tat-taxxa biex tintegra materja prima sekondarja fi prodotti ġodda.

- (35) Fid-dawl tar-rwol kruċjali tal-kapital uman fit-tiġid tal-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jindirizzaw b'mod urġenti l-isfidi strutturali relatati mal-kapital uman fl-oqsma tal-ħiliet u l-edukazzjoni, li jfixxkl u l-kompetittività. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2026 indirizzati lill-Kroazja jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni.
- (36) Ix-xejriet pożittivi fis-suq tax-xogħol tal-Kroazja jissoktaw, għalkemm l-isfidi strutturali u reġjonali persistenti huma ta' piż fuq il-kompetittività u l-potenzjal tat-tkabbir. In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet huwa rrapportat f'ħafna setturi. Filwaqt li r-rata ta' impjiegi laħqet livell rekord, u dan inaqqas id-distakk għall-medja tal-UE u joqrob lejn il-mira tal-Kroazja għall-2030, din għadha partikolarment baxxa għall-gruppi vulnerabbli bħall-anzjani, il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, u l-persuni b'diżabilità. Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà għadha wkoll waħda mill-ogħla fl-UE. Id-disparitajiet reġjonali fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għadhom sostanzjali. Il-parteċipazzjoni limitata fit-tagħlim għall-adulti, speċjalment barra miċ-ċentri urbani ewlenin, tillimita l-ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol u tikkontribwixxi għall-ispariġġ fil-ħiliet, li għadu ogħla mill-medja tal-UE. Il-Kroazja qiegħda timplimenta miżuri biex tindirizza l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, appoġġati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u mill-Fond Soċjali Ewropew Plus. Dawn il-miżuri jinkludu politiki attivi tas-suq tax-xogħol, programmi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, u riformi biex il-ħaddiema barranin jiġu integrati aħjar fis-suq tax-xogħol. Madankollu, dawn l-isforzi għandhom jiġu intensifikati u jsiru aktar effettivi billi jkun mmirati aħjar lejn il-gruppi vulnerabbli, jiġu indirizzati l-lakuni fit-taħriġ u jiġi żgurati l-allinjament tat-taħriġ mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, tiġi inċentivata l-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti u jittejjbu l-ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol, inkluż permezz ta' kurrikuli ta' kwalità għolja f'diversi livelli tal-edukazzjoni. L-implimentazzjoni sħiħa tas-sistema edukattiva hija essenzjali biex tinkiseb parteċipazzjoni ogħla fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) u aktar ħin ta' tagħlim fl-iskejjel, biex jissaħħu l-ħiliet bażiċi u tiġi pprovduta bażi aħjar għal edukazzjoni ulterjuri u għall-akkwiżizzjoni tal-ħiliet. Id-dewmien biex titlesta l-infrastruttura meħtieġa jipprevjeni l-implimentazzjoni f'waqtha ta' mudell ta' tagħlim ta' ġurnata sħiħa li għandu jżid is-siġħat ta' tagħlim u jtejjeb il-ħiliet bażiċi, filwaqt li l-evalwazzjoni dwar il-progress tal-implimentazzjoni sperimentali għadha nieqsa. Hemm bżonn ta' sforzi kontinwi biex jiżdied is-sehem ta' għalliema kwalifikati, b'mod partikolari għalliema tal-ECEC u għalliema tal-fiżika u suġġetti oħrajn tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM), biex jiġi indirizzat in-nuqqas persistenti ta' għalliema li qed jirriskja li jimmina l-kwalità tal-edukazzjoni, speċjalment f'żoni remoti u rurali.
- (37) Minkejja l-progress u l-isforzi ta' politika, il-Kroazja qiegħda tħabbat wiċċha ma' sfidi soċjali sinifikanti. Ir-rati tal-faqar u tal-inugwaljanza fl-introjtu naqsu għal xi gruppi, partikolarment għat-tfal, imma għadhom għoljin, b'mod partikolari fost l-anzjani, il-persuni b'diżabilità u dawk li jgħixu f'żoni rurali u l-progress lejn il-mira nazzjonali għat-tnaqqis tal-faqar għall-2030 miexi bil-mod. L-impatt tat-trasferimenti soċjali, esklużi l-pensjonijiet, fuq it-tnaqqis tal-faqar huwa fost l-aktar dgħajjef fl-UE, u l-adeqwatezza u l-kopertura tal-iskemi ta' introjtu minimu u l-benefiċċji tal-qgħad għadhom limitati. Emendi reċenti għall-att dwar il-pensjonijiet, inkluża formula ta'

indiciċjar aktar favorevoli, l-introduzzjoni ta' suppliment annwali tal-pensjoni, żidiet fil-pensjoni minima u benefiċċji għal ħajja tax-xogħol itwal, għandhom jikkontribwixxu għat-titjib tal-adegwatezza tal-pensjonijiet. L-aċċess għall-kura fit-tul għadu insuffiċjenti, b'aċċess limitat għall-kura fid-djar u dik ibbażata fil-komunità meta mqabbel mad-domanda li qed tiżdied, spejjeż mill-but għoljin, u ħtiġijiet ta' kura mhux issodisfati fost l-anzjani, li huma fost l-oġhla fl-UE. Dan jitfa' piżijiet ta' kura sproporzjonati fuq il-persuni li jindukraw b'mod informali, speċjalment in-nisa, u jnaqqas il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jikkontribwixxi għal konverġenza soċjali 'l fuq.

- (38) Għaddejnin sforzi biex jiġu indirizzati s-sostenibbiltà, id-disponibbiltà u l-kwalità tal-kura tas-saħħa, iżda għandhom mexjin bil-mod biex jissarrfu f'eżiti tas-saħħa mtejba u jistgħu jkunu mmirati aħjar, filwaqt li l-prevenzjoni rċeviet attenzjoni limitata. Id-distribuzzjoni mhux uniformi tal-ħaddiema tas-saħħa għadha ostaklu ewlieni għall-aċċess għall-kura tas-saħħa fil-gżejjer, fiż-żoni remoti u fiż-żoni rurali. L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jirrikjedi żieda fl-għadd ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa, u titjib tat-taħriġ, ir-reklutaġġ u r-ritenzjoni, b'attenzjoni partikolari fuq id-disparitajiet ġeografiċi. Filwaqt li s-saħħa elettronika qed tissaħħaħ, is-sehem tal-popolazzjoni li juża s-servizzi tas-saħħa online għadu wieħed mill-aktar baxxi fl-UE. Il-mortalità evitabbli naqset biss bi ftit matul l-aħħar għaxar snin u teħtieġ miżuri mmirati aħjar dwar il-fatturi ewlenin ta' riskju komportamentali, u koordinazzjoni msaħħa fost l-amministrazzjoni pubblika lil hinn mis-settur tas-saħħa, biex jiġi evitat jew ittardjat il-bidu tal-mard.
- (39) L-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni fil-Kroazja għadha tat-tħassib. Il-provvista hija ristretta minn sehem għoli ta' abitazzjonijiet vakanti u kirjiet għal żmien qasir, speċjalment fil-bliet ewlenin u fiż-żoni kostali, b'żidiet fil-prezzijiet li jaqblu b'mod wiesa' mat- tkabbir fl-introġtu, u dan ixekkel l-affordabbiltà. Il-Kroazja adottat Pjan Nazzjonali għall-Politika tal-Akkomodazzjoni sal-2030 u diġà implimentat xi wħud mill-miżuri tal-Pjan, inklużi r-riformi tat-taxxa fuq l-akkomodazzjoni, iżda huma meħtieġa aktar riformi biex jittejjeb is-suq tal-akkomodazzjoni u tiżdied l-affordabbiltà. L-implimentazzjoni effettiva u kkoordinata tal-Pjan ta' Politika tal-Akkomodazzjoni, b'mod partikolari miżuri rilevanti lokalment biex tissaħħaħ il-provvista tal-akkomodazzjoni f'żoni b'domanda għolja u jiġu attivati abitazzjonijiet vakanti, ittejjeb l-akkomodazzjoni affordabbli. Il-Kroazja hija nieqsa wkoll minn qafas ta' monitoraġġ fil-livell nazzjonali għall-akkomodazzjoni soċjali, li huwa deċentralizzat u ġestit fil-livell lokali. Filwaqt li l-awtoritajiet lokali jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jiddeterminaw il-ħtiġijiet lokali tal-akkomodazzjoni soċjali, qafas ta' monitoraġġ nazzjonali jidentifika aħjar l-isfidi tal-akkomodazzjoni għall-gruppi vulnerabbli madwar il-pajjiż u jipprovdi informazzjoni għal azzjoni ta' politika xierqa għall-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali.
- (40) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribuzzjoni kollettiva tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom, biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-2026 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Għall-Kroazja, ir-rakkomandazzjoni (1) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ewwel u t-tieni rakkomandazzjoni u t-tielet rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (2) tgħin fl-implimentazzjoni tar-raba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (3) tgħin fl-implimentazzjoni tas-seba', tad-disa' u tal-għaxar rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-

euro, ir-rakkomandazzjoni (4) tgħin fl-implimentazzjoni tas-seba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro u r-rakkomandazzjoni (5) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ħames rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Kroazja tieħu azzjoni fl-2026 u l-2027 biex:

1. Fid-dawl tad-devjazzjoni materjali rreġistrata sal-2025 u pproġettata għall-2026 mill-Kummissjoni fil-konfront tal-limitu massimu tan-nefqa netta rakkomandat, tieħu azzjoni biex tikkontrolla n-nefqa netta sabiex tirrispetta r-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2025, filwaqt li tuża l-flessibilità skont il-klawżola liberatorja nazzjonali għal nefqa oġhla fid-difiża. Issaħħaħ l-infiq fid-difiża u l-prontezza tad-difiża filwaqt li tiżgura l-effiċjenza fl-infiq u gradwalment tadatta l-baġit biex issostni nfiq strutturalment oġhla fid-difiża. Tiżgura li kwalunkwe miżura li tittieħed biex tnaqqas l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija li ġejja mill-kriżi tkun temporanja, immirata lejn il-ħarsien tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli jew lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-kumpaniji b'użu intensiv tal-enerġija, tippreserva l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija filwaqt li tiżgura li l-kost fiskali tagħhom ikun kompatibbli mal-impenji skont il-qafas fiskali tal-UE. Ittejjeb l-effiċjenza tan-nefqa pubblika billi ssaħħaħ ir-rwol tar-rieżamijiet regolari tal-infiq u tintegrahom fil-qafas baġitarju. Tirrieżamina l-effettività tan-nefġiet tat-taxxa. Tkompli tavvanza r-riforma tat-tassazzjoni fuq il-proprjetà rikorrenti billi tlesti l-infrastruttura amministrattiva meħtieġa u tintroduċi sistema bbażata fuq il-valur.
2. Tiżgura l-kontinwità tar-riformi u l-investimenti implimentati taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Issostni l-momentum tal-implimentazzjoni skont il-programmi tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li, meta jkun xieraq, tibni fuq ir-riallokazzjoni għall-prijoritajiet strateġiċi u l-flessibilitàjiet fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas tal-politika ta' koeżjoni.
3. Tippetromwovi l-konsolidazzjoni, il-kollaborazzjoni u, meta jkun rilevanti, il-fużjonijiet ta' istituti pubbliċi tar-riċerka u universitajiet. Trawwem l-investimenti fir-R&I, u l-koordinazzjoni u l-governanza tagħha, filwaqt li tqis id-disparitajiet reġjonali. Tkompli ttejjeb l-aċċess għal finanzjament varjat u tapprofondixxi s-swieq kapitali billi tiffaċilita ulterjorment il-parteċipazzjoni tal-investituri individwali u dawk istituzzjonali, tespandi l-kapital ta' riskju, tindirizza l-ostakli għall-kwotazzjonijiet, u ssaħħaħ il-governanza korporattiva. Tissimplifika r-regolamentazzjoni u tnaqqas il-piż amministrattiv permezz ta' koordinazzjoni aħjar fil-livelli kollha tal-gvern u l-integrazzjoni tal-ġhodod diġitali, u tissimplifika l-ħruġ tal-permessi biex tappoġġa t-tranżizzjoni lejn industrija nadifa. Tamalgama l-funzjonijiet tal-amministrazzjoni pubblika fil-livell lokali u/jew tal-muniċipalitajiet u ssaħħaħ il-ġestjoni tar-riżorsi umani. Tkompli tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. Tħaffef l-implimentazzjoni tal-broadband f'żoni li mhumiex moqdi jin tajjeb, b'mod partikolari ż-żoni rurali u l-gżejjer.
4. Tħaffef l-implimentazzjoni tal-enerġija rinnovabbli biex jitnaqqsu l-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa billi taġġorna l-grilji elettriċi u tinvesti fil-ħżin tal-elettriku. Tavvanza l-introduzzjoni ta' miters intelliġenti u tippetromwovi kuntratti dinamiċi. Tissimplifika l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi u għall-konnessjoni mal-grilja għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u għall-komunitajiet tal-enerġija. Tħaffef il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u tippetromwovi soluzzjonijiet effiċjenti u ekoloġiċi għat-tiħin u t-tkessiħ. Tippetromwovi trasport urban sostenibbli, il-ferroviji u l-elettrifikazzjoni tat-trasport bit-triq. Telimina gradwalment is-sussidji fuq il-fjuwils fossili, b'mod partikolari fis-settur tat-trasport. Tindirizza r-riskju minn perikli

naturali billi ttejjeb il-governanza, tinvesti fir-reżiljenza għall-klima, u toħloq inċentivi għall-assigurazzjoni tar-riskju tat-tibdil fil-klima. Tkompli trawwem l-ekonomija ċirkolari.

5. Tnaqqas in-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ta' ħiliet billi tneħħi l-ostakli għall-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol, issaħħaħ l-edukazzjoni fil-livelli kollha, b'mod partikolari għall-ħiliet bażiċi u STEM, u tiżgura biżżejjed għalliema kwalifikati. Issaħħaħ it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid u ttejjeb it-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol. Timmira aħjar il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol lejn il-gruppi vulnerabbli, u ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tattira, tiżviluppa u żżomm it-talent. Tnaqqas il-faqar u l-inugwaljanza fl-introjt billi żżid l-adeqwatezza tal-benefiċċji soċjali filwaqt li żżomm is-sostenibbiltà fiskali permess ta' mmirar aħjar. Ittejjeb l-aċċess għall-kura formali fit-tul fid-dar u bbażata fil-komunità. Tibbilanċja d-distribuzzjoni ġeografika tal-ħaddiema u l-faċilitajiet tas-saħħa, tinvesti fis-saħħa elettronika, u ssaħħaħ il-prevenzjoni. Iżżid il-provvista tal-akkomodazzjoni f'żoni b'domanda għolja u ttejjeb il-monitoraġġ tal-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*